TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 90/14-F

**Paul Formosa**

**vs**

**Jane Farrugia – Lady Jane Garage**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u tmenin ewro (€180), rappreżentanti servizz ta' trasport.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi minkejja li ħallsu mija u tletin ewro (€130) għas-servizz ta' trasport, riedu ħamsin ewro (€50) oħra depożitu, u minħabba li ma bagħtitx ħamsin ewro depożitu inqala' diżgwid u waqfet is-servizz.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi minħabba d-diżgwid li kien hemm bejniethom, ir-rikorrenti waqfu s-servizz ta' trasport u qed jitolbu l-flus lura, u għalhekk jinnota illi jista' jkun illi l-intimata kienet xi ftit arroganti meta tkellmu fuq il-ħamsin ewro (€50) depożitu, u allura r-rikorrenti kellhom raġun illi jikkanċellaw dan is-servizz.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u għaxar ewro (€110), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888